# Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
# Inferjuri

**Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Gunju 2001**

Avviz numru 83/99

Is-Socjeta Kummercjali Dominic Department Stores (DDS) Ltd

-vs-

Joseph Vella f'ismu proprju u in rapprezentanza ta' JAR Co. Ltd. Ghal kwalunkwe interess li jista' jkollha l-kumpanija

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fejn talbu li l-konvenut nomine jhallas lis-socjeta' attrici l-pagament ta' sitt mija u sebgha u disghin liri Maltin u tmenin centezmi (Lm697.80) dovuti lis-socjeta' attrici bhala prezz tal-bejgh ta' merci mixtrija minn Joseph Vella u kkonsejati lilu u li baqa' ma giex saldat minnu minkejja li sarulu diversi interpellazzjonijiet ghal dan il-hlas, f'liema somma hemm inkluzi ukoll l-imghaxijiet mill-bejgh sal-20 ta' Lulju 1999 (statement anness u markat A);

Bl-imghaxijiet ulterjuri mill-21 ta' Lulju 1999 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra interpellatorja tas-6 ta' Awissu 1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Joseph Vella f'ismu proprju u ta' JAR Company Ltd fejn ecceppew illi:

1. In linea preliminari z-zewg konvenuti jecepixxu l-preskrizzjoni stante illi meta giet ipprezentata l-kawza kienu diga' ghaddew sentejn minn meta l-ammont in kwestjoni sar dovut;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, in linea preliminari, il-konvenut Joseph Vella jitlob il-liberazzjoni tal-gudizzju peress illi l-merkanzija kienet ordnata mis-socjeta’ konvenuta u kienet ghas-socjeta’ konvenuta u mhux ghalih personaliment.

3. Minghajr pregudizzju ghall-premes, iz-zewg konvenuti jikkontestaw illi l-ammont in kwistjoni huwa dovut kollu kif jigi spejgat waqt is-smiegh tal-kawza.

Ghaldaqstant din il-kawza ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni ipprezentata mis-socjeta’ attrici fl-udjenza tad-19 ta’ Gunju 2001.

Rat illi l-konvenut ma kkontestatx il-bilanc dovut.

Ghaldaqstant tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-ammont kif ridott.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u sebgha u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm147.80) bhala bilanc ta’ prezz tal-bejgh ta’ merci bl-imghax komputabbli skond il-ligi a skaletta u bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur